**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLIX**
**Appell Nru: 159/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur Patrick Spiteri )**

**Vs**

**MONICA CUTAJAR**

**Illum, 16 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha Monica Cutajar giet akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta'Ottubru, 1998, ghal habta tad-9.45 a.m., fil-hanut "Dolceria Tre," St. Luke's Road, Gwardamangia, naqset li taghti jew li tipproduci ricevuta ta'taxxa permezz ta'cash register li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fir-regolament 10 ta' l-Avviz Legali 87 tal-1997 fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tar-regolamenti 2,3,4 u 10 tar-Regolamenti tal-1997 Dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Ricevuti Fiskali) {Avviz Legali 87 tal-1997}, u l-Artikoli 39 u 62 (a) u (e) ta' l-Att Nru: XII tal-1997.

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta'Gunju, 2000, mill-fuq imsemmija Qorti li biha sabet lill-Monica Cutajar hatja skond l-akkuza w kkundannatha ghall-Lm170 Multa.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta'Monica Cutajar datat 20 ta'Gunju, 2000, li bih talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata.

Rat l-aggravju ta' l-appellanti.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-kumpless tal-provi li semghet din il-Qorti, liema provi ghandha ragjonevolment tahseb li huma l-istess provi li kienet semghet l-ewwel Qorti, ma hemm ebda dubju li fil-gurnata, post u hin in kwistjoni avvera ruhu r-reat addebitat lill-appellanti.

L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti jidher, ghalhekk, li kien wiehed tajjeb u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fl-appellanti. Ma hemm assolutament xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-ewwel Qorti u f'dak li qalghet fis-sentenza taghha. Ftit hemm xi tghid f'dan il-kaz hlief li l-fatti emergenti mill-provi huma carissimi w jinkwadraw ruhhom perfettament fit-termini tal-ligi relattiva ghal dan il-kaz.

Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellanti huwa respint, l-appell taghha huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur